



Kunsill  
tal-Unjoni Ewropea

Brussell, 1 ta' Diċembru 2023  
(OR. en)

13472/23

LIMITE

PECHE 391

---

---

Fajl Interistituzzjonali:  
2023/0278 (NLE)

---

---

#### ATTI LEĠISLATTIVI U STRUMENTI OĦRA

---

Suġġett: DEĊIŻJONI TAL-KUNSILL dwar il-pożizzjoni li għandha tittieħed f'isem l-Unjoni Ewropea fil-Konferenza annwali tal-Partijiet għall-Konvenzjoni dwar il-Konservazzjoni u l-Ġestjoni tar-Riżorsi tal-Merluzz tal-Alaska fiż-Żona Ċentrali tal-Bañar ta' Bering u li tħassar id-Deċiżjoni (UE) 2019/866

---

**DEĊIŻJONI TAL-KUNSILL (UE) 2023/...**

**ta'...**

**dwar il-pożizzjoni li għandha tittieħed f'isem l-Unjoni Ewropea  
fil-Konferenza annwali tal-Partijiet għall-Konvenzjoni  
dwar il-Konservazzjoni u l-Ġestjoni tar-Riżorsi tal-Merluzz tal-Alaska  
fiż-Żona Ċentrali tal-Baħar ta' Bering  
u li tħassar id-Deċiżjoni (UE) 2019/866**

IL-KUNSILL TAL-UNJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidra t-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea, u b'mod partikolari l-Artikolu 43, flimkien mal-Artikolu 218(9) tiegħu,

Wara li kkunsidraw il-proposta mill-Kummissjoni Ewropea,

Billi:

- (1) Ir-Repubblika tal-Polonja hija Parti Kontraenti għall-Konvenzjoni dwar il-Konservazzjoni u l-Ġestjoni tar-Riżorsi tal-Merluzz tal-Alaska fiż-Żona Ċentrali tal-Baħar ta' Bering ("Konvenzjoni tal-Baħar ta' Bering"). L-Unjoni mhijiex Parti f'dik il-Konvenzjoni. Skont l-Artikolu 6(9) tal-Att ta' Adeżjoni tal-2003, ftehimiet dwar is-sajd konklużi mill-Istati Membri ma' pajjiżi terzi huma ġestiti mill-Unjoni, u jenħtieġ li l-Unjoni timplimenta kwalunkwe deċiżjoni stabbilita skont il-Konvenzjoni tal-Baħar ta' Bering.
- (2) Id-Deċiżjoni tal-Kunsill 7277/16 tal-11 ta' April 2016 awtorizzat lir-Repubblika tal-Polonja biex fl-interess tal-Unjoni, tinnegozja emenda tal-Konvenzjoni tal-Baħar ta' Bering bil-ħsieb li l-Unjoni ssir Parti għal dik il-Konvenzjoni. F'Ottubru 2016, il-Polonja ppreżentat proposta tali -emenda għall-Konvenzjoni tal-Baħar ta' Bering lid-Depożitarju ta' dik il-Konvenzjoni.
- (3) Id-Deċiżjoni tal-Kunsill (UE) 2023/575<sup>1</sup> awtorizzat lill-Polonja biex tirratifika, fl-interess tal-Unjoni, l-emenda għall-Konvenzjoni tal-Baħar ta' Bering li tippermetti l-parteciġazzjoni tal-Unjoni bħala parti għal dik il-Konvenzjoni. Huwa mifhum li hekk kif l-Unjoni tiġi aċċettata bħala parti integrali tal-Konvenzjoni tal-Baħar ta' Bering, ir-Repubblika tal-Polonja ser tirtira s-šhubija tagħha mill-Konvenzjoni.

---

<sup>1</sup> Id-Deċiżjoni tal-Kunsill (UE) 2023/575 tad-9 ta' Marzu 2023 li tawtorizza lill-Polonja biex tirratifika, fl-interess tal-Unjoni Ewropea, l-emenda għall-Konvenzjoni dwar il-Konservazzjoni u l-Ġestjoni tar-Riżorsi tal-Merluzz tal-Alaska fiż-żona ċentrali tal-Baħar ta' Bering (ĠU L 75, 14.3.2023, p. 15).

- (4) Il-Konferenza annwali tal-Partijiet għall-Konvenzjoni tal-Baħar ta' Bering ("il-Konferenza annwali tal-Partijiet") hija responsabbli mill-ġestjoni u l-konservazzjoni tar-Riżorsi tal-Pollakkju fiż-żona tal-Konvenzjoni tal-Baħar ta' Bering. Tali miżuri jistgħu jsiru vinkolanti għall-Unjoni.
- (5) Ir-Regolament (UE) Nru 1380/2013 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill<sup>1</sup> jipprevedi li l-Unjoni għandha tiżgura li l-attivitajiet tas-sajd u tal-akkwakultura jkunu ambjentalment sostenibbli fit-tul u li jkunu ġestiti b'mod li huwa konsistenti mal-oġġettivi li jinkisbu benefiċċji ekonomiċi, soċjali u tal-impjeg, u li jikkontribwixxu għad-disponibbiltà tal-provvisti tal-ikel. Jipprevedi wkoll li l-Unjoni għandha tapplika l-approċċ prekawzjonarju għall-ġestjoni tas-sajd, u għandha tfittex li tiżgura li l-isfruttament tar-riżorsi bijoloġiċi ħajjin tal-baħar jirrestawra u jmantni l-popolazzjoni tal-ispeċijiet mistada 'l fuq minn livelli li jistgħu jipproduċu r-rendiment massimu sostenibbli. Jipprevedi wkoll li l-Unjoni tiegħu miżuri ta' ġestjoni u ta' konservazzjoni bbażati fuq l-aqwa pariri xjentifiċi disponibbli, tappoġġa l-iżvilupp ta' għarfien u pariri xjentifiċi, gradwalment telimina l-iskartar u tippromwovi metodi tas-sajd li jikkontribwixxu għal sajd aktar selettiv u l-evitar u t-tnaqqis, kemm jista' jkun, ta' qabdiet mhux mixtieqa, u trażżan l-impatt tas-sajd fuq l-ekosistema marina u r-riżorsi tas-sajd. Barra minn hekk, ir-Regolament (UE) Nru 1380/2013 speċifikament jipprevedi li daww l-oġġettivi u l-prinċipji għandhom jiġu applikati mill-Unjoni fit-twettiq tar-relazzjonijiet tas-sajd esterni tagħha.

---

<sup>1</sup> Regolament (UE) Nru 1380/2013 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-11 ta' Diċembru 2013 dwar il-Politika Komuni tas-Sajd, li jemenda r-Regolamenti tal-Kunsill (KE) Nru 1954/2003 u (KE) Nru 1224/2009 u li jħassar ir-Regolamenti tal-Kunsill (KE) Nru 2371/2002 u (KE) Nru 639/2004 u d-Deċiżjoni tal-Kunsill 2004/585/KE (ĠU L 354, 28.12.2013, p. 22).

- (6) F'konformità mal-Komunikazzjoni tal-Kummissjoni lill-Parlament Ewropew, lill-Kunsill, lill-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew u lill-Kumitat tar-Reġjuni “Strateġija tal-UE għall-Bijodiversità għall-2030 Inreġġu n-natura lura f’haġġitna”, “Strateġija tal-UE dwar l-Adattament għat-Tibdil fil-Klima – l-Istrateġija l-għdida tal-UE dwar l-Adattament għat-Tibdil fil-Klima” u “Strateġija mill-Għalqa sal-Platt għal sistema tal-ikel ġusta, tajba għas-saħħa u favur l-ambjent” , huwa essenzjali li tiġi protetta n-natura u titreġġa lura d-degradazzjoni tal-ekosistemi. It-tibdil fil-klima u t-telf tal-bijodiversità ma għandhomx jippreġudikaw id-disponibbiltà tal-oġġetti u s-servizzi li ekosistemi tal-baħar f’saħħithom jipprovdu lis-sajjieda, lill-komunitajiet kostali u lill-umanità inġenerali.
- (7) Il-Komunikazzjoni tal-Kummissjoni lill-Parlament Ewropew, lill-Kunsill, lill-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew u lill-Kumitat tar-Reġjuni “Strateġija Ewropea għall-Plastiks f’Ekonomija Ċirkolari” tirreferi għal miżuri speċifiċi biex jitnaqqas il-plastiks u t-tniġġis tal-baħar kif ukoll it-telf jew l-abbandun tal-irkaptu tas-sajd fil-baħar. Barra minn hekk, il-Komunikazzjoni tal-Kummissjoni lill-Parlament Ewropew, lill-Kunsill, lill-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew u lill-Kumitat tar-Reġjuni “Perkors lejn Pjaneta b’Saħħitha għal Kulħadd - Pjan ta’ Azzjoni tal-UE Lejn Tniġġis Żero għall-Arja, għall-Ilma u għall-Ħamrija” jimmira li jnaqqas b’50 % l-iskart tal-plastik fil-baħar u bi 30 % l-mikroplastiki rilaxxati fl-ambjent.

- (8) Il-Komunikazzjoni Konġunta lill-Parlament Ewropew, lill-Kunsill, lill-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew u lill-Kumitat tar-Reġjuni “Inwittu t-triq lejn pjaneta blu sostenibbli” tenfasizza l-importanza tal-protezzjoni u l-konservazzjoni tal-bijodiversità tal-baħar taħt l-azzjoni esterna tal-Unjoni. L-Unjoni hija l-aktar attur prominenti fl-Organizzazzjonijiet Reġjonali tal-Ġestjoni tas-Sajd (RFMOs) u fil-korpi tas-sajd madwar id-dinja. Hemmhekk, l-Unjoni tippromwovi s-sostenibbiltà tal-istokkijiet tal-ħut, tippromwovi t-teħid ta' deċiżjonijiet trasparenti abbażi ta' parir xjentifiku sod, ittejjeb ir-riċerka xjentifika, u ssaħħaħ il-konformità.
- (9) Huwa xieraq li tiġi stabbilita l-pożizzjoni li għandha tittieħed fisem l-Unjoni fil-laqgħat tal-Konferenza annwali tal-Partijiet għall-Konvenzjoni tal-Baħar ta' Bering għall-perjodu 2024-2028, minħabba li l-miżuri ta' konservazzjoni u infurzar tal-Konvenzjoni tal-Baħar ta' Bering ser ikunu vinkolanti fuq l-Unjoni u jistgħu jinfluwenzaw deċiżament il-kontenut tad-dritt tal-Unjoni, jiġifieri, ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1005/2008<sup>1</sup> u (KE) Nru 1224/2009<sup>2</sup> u r-Regolament (UE) 2017/2403 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill<sup>3</sup>.

---

<sup>1</sup> Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1005/2008 tad-29 ta' Settembru 2008 li jistabbilixxi sistema Komunitarja sabiex tipprevjeni, tiskoraġġixxi u telimina sajd illegali, mhux irrappurtat u mhux irregolat, li jemenda r-Regolamenti (KEE) Nru 2847/93, (KE) Nru 1936/2001 u (KE) Nru 601/2004 u li jħassar ir-Regolamenti (KE) Nru 1093/94 u (KE) Nru 1447/1999 (ĠU L 286, 29.10.2008, p. 1).

<sup>2</sup> Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1224/2009 tal-20 ta' Novembru 2009 li jistabbilixxi sistema tal-Unjoni ta' kontroll għall-iżgurar tal-konformità mar-regoli tal-Politika Komunitarja tas-Sajd, li jemenda r-Regolamenti (KE) Nru 847/96, (KE) Nru 2371/2002, (KE) Nru 811/2004, (KE) Nru 768/2005, (KE) Nru 2115/2005, (KE) Nru 2166/2005, (KE) Nru 388/2006, (KE) Nru 509/2007, (KE) Nru 676/2007, (KE) Nru 1098/2007, (KE) Nru 1300/2008, (KE) Nru 1342/2008 u li jħassar ir-Regolamenti (KEE) Nru 2847/93, (KE) Nru 1627/94 u (KE) Nru 1966/2006 (ĠU L 343, 22.12.2009, p. 1).

<sup>3</sup> Regolament (UE) 2017/2403 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-12 ta' Diċembru 2017 dwar il-ġestjoni sostenibbli ta' flotot tas-sajd esterni, u li jħassar ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1006/2008 (ĠU L 347, 28.12.2017, p. 81).

- (10) Attwalment, il-pożizzjoni li għandha tittieħed f'isem l-Unjoni fil-laqgħat tal-Konferenza annwali tal-Partijiet hija stabbilita permezz tad-Deċiżjoni tal-Kunsill (UE) 2019/866<sup>1</sup>. Huwa xieraq li dik id-Deċiżjoni titħassar u li tiġi sostitwita b'Deċiżjoni ġdida li tkopri l-perjodu 2024-2028.
- (11) Skont il-prassi attwali, il-Kummissjoni, bħala rappreżentant estern tal-Unjoni fir-rigward tal-kompetenza esklużiva tal-Unjoni fis-sajd, tirrappreżenta lir-Repubblika tal-Polonja u l-Unjoni fil-Konferenza annwali tal-Partijiet.
- (12) Fid-dawl tan-natura li tevolvi tar-riżorsi tas-sajd fiż-Żona tal-Konvenzjoni tal-Baħar ta' Bering u l-ħtieġa konsegwenti li l-pożizzjoni tal-Unjoni tqis l-iżviluppi l-ġodda, inkluż informazzjoni xjentifika ġdida u informazzjoni rilevanti oħra preżentata qabel jew matul il-laqgħat tal-Konferenza annwali tal-Partijiet, jenħtieġ li jiġu stabbiliti proċeduri għall-ispeċifikazzjoni minn sena għal sena tal-pożizzjoni tal-Unjoni għall-perjodu 2024-2028 f'konformità mal-prinċipju tal-kooperazzjoni leali bejn l-istituzzjonijiet tal-Unjoni minqax fl-Artikolu 13(2) tat-Trattat dwar l-Unjoni Ewropea.

ADOTTA DIN ID-DEĊIŻJONI:

---

<sup>1</sup> Deċiżjoni tal-Kunsill (UE) 2019/866 tal-14 ta' Mejju 2019 dwar il-pożizzjoni li għandha tittieħed f'isem l-Unjoni Ewropea fil-Konferenza annwali tal-Partijiet għall-Konvenzjoni dwar il-Konservazzjoni u l-Ġestjoni tar-Riżorsi tal-Merluzz tal-Alaska fiż-żona ċentrali tal-Baħar ta' Bering, u li tħassar id-Deċiżjoni tat-12 ta' Ġunju 2017 li tistabbilixxi l-pożizzjoni li għandha tiġi adottata, f'isem l-Unjoni, f'dik il-konferenza annwali (ĠU L 140, 28.5.2019, p. 66).

### *Artikolu 1*

Il-pożizzjoni li għandha tittieħed f'isem l-Unjoni fil-laqgħat tal-Konferenza annwali tal-Partijiet hija stipulata fl-Anness I.

### *Artikolu 2*

L-ispeċifikazzjoni minn sena għall-oħra tal-pożizzjoni tal-Unjoni li għandha tittieħed fil-laqgħat tal-Konferenza annwali tal-Partijiet għandha ssir f'konformità mal-Anness II.

### *Artikolu 3*

Il-pożizzjoni tal-Unjoni stipulata fl-Anness I għandha tiġi vvalutata u, fejn xieraq, riveduta mill-Kunsill fuq proposta mill-Kummissjoni, l-aktar tard, għall-Konferenza annwali tal-Partijiet għall-Konvenzjoni tal-Baħar ta' Bering fl-2029.

### *Artikolu 4*

Id-Deċiżjoni (UE) 2019/866 hija b'dan imħassra.

*Artikolu 5*

1. Mingħajr preġudizzju għall-prerogattivi tal-Kummissjoni dwar ir-rappreżentanza esterna tal-Unjoni, din id-Deċiżjoni hija indirizzata lir-Repubblika tal-Polonja sakemm isseħħ l-adeżjoni tal-Unjoni fil-Konvenzjoni tal-Baħar ta' Bering.
2. Wara l-adeżjoni tal-Unjoni għall-Konvenzjoni tal-Baħar ta' Bering, din id-Deċiżjoni tkun indirizzata lill-Kummissjoni li għandha tirrappreżenta lill-Unjoni fil-laqgħat tal-Konferenza annwali tal-Partijiet.
3. Din id-Deċiżjoni għandha tidħol fis-seħħ fid-data tal-adozzjoni tagħha.

Magħmul fi...

*Għall-Kunsill*

*Il-President*

---

## ANNEX I

Il-pożizzjoni li għandha tittieħed f'isem l-Unjoni fil-Konferenza annwali tal-Partijiet

### 1. PRINĊIPJI

Fil-qafas tal-Konvenzjoni dwar il-Baħar ta' Bering, l-Unjoni għandha:

- (a) tiżgura li l-miżuri adottati fil-Konferenza annwali tal-Partijiet ikunu konsistenti mad-dritt internazzjonali, u b' mod partikolari mal-Konvenzjoni tal-1982 tan-Nazzjonijiet Uniti fuq id-Dritt Marittimu, mal-Ftehim tal-1995 tan-Nazzjonijiet Uniti dwar il-Konservazzjoni u l-Ġestjoni ta' Stokkijiet ta' Ħut Tranzonali u Stokkijiet ta' Ħut li Jpassi Ħafna, mal-Ftehim tal-1993 tal Organizzazzjoni tal-Ikel u l-Agrikoltura (FAO) li jippromwovi l-osservanza tal-miżuri internazzjonali ta' konservazzjoni u ġestjoni minn bastimenti tas-sajd fl-ibħra internazzjonali, u mal-Ftehim tal-2009 tal- FAO dwar Miżuri tal-Istat Portwarju;
- (b) tippromwovi l-objettivi tal-Ftehim skont il-Konvenzjoni tan-Nazzjonijiet Uniti dwar il-Liġi tal-Baħar dwar il-konservazzjoni u l-użu sostenibbli tad-diversità bijoloġika tal-baħar lil hinn mill-ġurisdizzjoni nazzjonali u fil-15-il Konferenza tal-Partijiet għall-Konvenzjoni dwar id-Diversità Bijoloġika , partikularment fiż-żieda fil-protezzjoni tal-bijodiversità marina u l-protezzjoni ta' 30 % tal-oċean tad-dinja permezz ta' żoni protetti tal-baħar;

- (c) tikkontribwixxi għall-implimentazzjoni tal-Patt Ekoloġiku Ewropew, f'konformità mal-Konklużjonijiet tal-Kunsill tat-23 ta' Ottubru 2020 dwar il-Bijodiversità – il-ħtieġa għal azzjoni urġenti, mal-Konklużjonijiet tal-Kunsill tal-10 ta' Ġunju 2021 dwar Insawru Ewropa reżiljenti għall-klima – l-Istrateġija l-għdida tal-UE dwar l-Adattament għat-Tibdil fil-Klima, b'mod partikolari dwar il-protezzjoni tan-natura, u mal-Konklużjonijiet tal-Kunsill tad-19 ta' Ottubru 2020 dwar l-Istrateġija "Mill-Għalqa sal-Platt", u Ewropa aktar b'saħħitha fid-dinja;
- (d) taġixxi skont l-oġġettivi u l-prinċipji segwiti mill-Unjoni fil-politika komuni tas-sajd, jiġifieri permezz tal-approċċ prekawzjonarju u l-miri relatati mar-rendiment massimu sostenibbli kif stipulat fl-Artikolu 2(2) tar-Regolament (UE) Nru 1380/2013, sabiex tiġi promossa l-implimentazzjoni ta' approċċ ibbażat fuq l-ekosistema għall-ġestjoni tas-sajd, u biex jiġu evitati u jitnaqqsu kemm jista' jkun il-qabdiet possibbli mhux mixtieqa, u telimina gradwalment l-iskartar, u timminimizza l-impatt tal-attivitajiet tas-sajd fuq l-ekosistemi tal-baħar u l-abitati tagħhom, kif ukoll, permezz tal-promozzjoni ta' sajd tal-Unjoni ekonomikament vijabbli u kompetittiv, sabiex jiġi pprovdut standard tal-għajxien ġust lil dawk li jiddependu fuq l-attivitajiet tas-sajd u jitqiesu l-interessi tal-konsumaturi;
- (e) tkun konformi mal-Konklużjonijiet tad-19 ta' Marzu 2012 tal-Kunsill dwar il-Komunikazzjoni tal-Kummissjoni dwar id-dimensjoni esterna tal-politika komuni tas-sajd;
- (f) tkun konformi mal-Konklużjonijiet tat-13 ta' Diċembru 2022 tal-Kunsill dwar il-Governanza Internazzjonali tal-Oċeani għal oċeani u ibħra sikuri, siguri, nodfa, f'saħħithom u ġestiti b'mod sostenibbli fir-rigward tal-konservazzjoni tal-bijodiversità tal-baħar;

- (g) taħdem favur involviment xieraq tal-partijiet konċernati fil-fażi tal-preparazzjoni għall-miżuri tal-Konvenzjoni tal-Baħar ta' Bering u tiżgura li l-miżuri adottati fi ħdan il-Konvenzjoni tal-Baħar ta' Bering ikunu skont l-oġettivi tal-Konvenzjoni tal-Baħar ta' Bering;
- (h) tippromwovi pożizzjonijiet konsistenti mal-aħjar prattiki għall-organizzazzjonijiet reġjonali għall-ġestjoni tas-sajd (RFMOs);
- (i) tara li jkun hemm konsistenza u sinerġija mal-politika li l-Unjoni qed issegwi bħala parti mir-relazzjonijiet bilaterali tagħha tas-sajd ma' pajjiżi terzi, u tiżgura l-koerenza mal-politiki l-oħrajn tagħha notevolment fl-oqsma tar-relazzjonijiet esterni, l-impjiegi, l-ambjent, il-kummerċ, l-iżvilupp, ir-riċerka u l-innovazzjoni;
- (j) timmira li toħloq kundizzjonijiet ekwi għall-flotta tal-Unjoni fiż-żona tal-Konvenzjoni tal-Baħar ta' Bering abbażi tal-istess prinċipji u standards bħal dawk applikabbli skont id-dritt tal-Unjoni, u li tippromwovi l-implimentazzjoni uniformi ta' dawk il-prinċipji u l-istandards;
- (k) fejn xieraq, tippromwovi l-koordinazzjoni bejn il-Konvenzjoni tal-Baħar ta' Bering, RFMOs eżistenti u konvenzjonijiet dwar ibħra reġjonali u l-kooperazzjoni ma' organizzazzjonijiet globali, kif applikabbli, skont il-mandati tagħhom;
- (l) tippromwovi l-mekkaniżmi ta' kooperazzjoni fost RFMOs mhux tat-tonn simili għall-hekk imsejjaħ proċess Kobe għal RFMOs tat-tonn.

## 2. ORJENTAZZJONIJIET

L-Unjoni għandha, fejn xieraq, tagħmel ħilitha sabiex tappoġġa l-adozzjoni mill-Konferenza annwali tal-Partijiet tal-azzjonijiet li ġejjin:

- (a) miżuri li jippromwovu l-konservazzjoni u r-restawr tal-bijodiversità, u li jippromwovu l-promozzjoni s-sostenibbiltà tal-istokkijiet, u l-integrazzjoni tal-kunsiderazzjonijiet tat-tibdil fil-klima fil-proċess tat-teħid tad-deċiżjonijiet;
- (b) miżuri ta' konservazzjoni u ġestjoni għar-riżorsi tas-sajd fiż-Żona tal-Konvenzjoni tal-Baħar ta' Bering abbażi tal-aqwa parir xjentifiku disponibbli, inkluż il-livell ta' sajd permissibbli u l-kwoti nazzjonali individwali, jew ir-regolazzjoni tal-isforz għal riżorsi bijoloġiċi ħajjin tal-baħar li huma rregolati mill-Konferenza annwali tal-Partijiet, inkluż il-bidla tal-Anness tal-Konvenzjoni tal-Baħar ta' Bering, li ser jiksbu r-rata tal-isfruttar tar-rendiment massimu sostenibbli fuq bażi progressiva u inkrementali. Fejn meħtieġ, dawk il-miżuri ta' konservazzjoni u ġestjoni għandhom jinkludu miżuri speċifiċi għall-istokkijiet li huma soġġetti għal sajd eċċessiv biex l-isforz tas-sajd jinżamm konformi mal-opportunitajiet ta' sajd disponibbli;
- (c) miżuri li jippromwovu l-ġbir tad-data, ir-riċerka xjentifika u d-deċiżjonijiet ta' ġestjoni abbażi tax-xjenza, it-tisħiħ tal-kumitat tal-konformità tagħha, kultura ta' konformità u rieżamijiet perjodiċi indipendenti tal-prestazzjoni;

- (d) miżuri għall-prevenzjoni, id-deterrent u l-eliminazzjoni ta' attivitajiet ta' sajd illegali, mhux rappurtat u mhux regolat (IUU) fiż-Żona tal-Konvenzjoni tal-Baħar ta' Bering, inkluż l-elenkar tal-bastimenti IUU u l-elenkar komuni ma' RFMOs oħra, u miżuri li jippromwovu t-traċċabbiltà tal-ħut u tal-prodotti tas-sajd abbażi tal-Linji Gwida Volontarji għall-Iskemi ta' Dokumentazzjoni tal-Qbid;
- (e) miżuri ta' monitoraġġ, kontroll u sorveljanza fiż-Żona tal-Konvenzjoni tal-Baħar ta' Bering sabiex tiġi żgurata l-effiċjenza tal-kontroll u l-konformità mal-miżuri adottati fi ħdan il-Konvenzjoni tal-Baħar ta' Bering inkluż it-tisħiħ tal-kontroll fuq l-operazzjonijiet tat-trażbord abbażi tal-Linji Gwida Volontarji tal-FAO dwar it-Trażbord;
- (f) miżuri biex jiġi minimizzat l-impatt negattiv tal-attivitajiet tas-sajd fuq il-bijodiversità u l-ekosistemi tal-baħar u l-abitati tagħhom, inkluż miżuri protettivi għal ekosistemi vulnerabbli tal-baħar fiż-żona tal-Konvenzjoni tal-Baħar ta' Bering bi qbil mal-Konvenzjoni tal-Baħar ta' Bering u l-Linji Gwida Internazzjonali tal-FAO għall-Ġestjoni tas-Sajd fl-Ibħra Fondi fil-Baħar Miftuħ, miżuri biex jiġi evitat u jitnaqqas kemm jista' jkun il-qbid mhux mixtieq, inkluż partikularment l-ispeċijiet marini vulnerabbli, u biex gradwalment jiġi eliminat il-qbid skartat;
- (g) miżuri biex jitnaqqas it-tniġġis tal-baħar u jiġi prevenut l-iskariku tal-plastik fil-baħar u jitnaqqas l-impatt tal-plastik fil-baħar fuq il-bijodiversità u l-ekosistemi tal-baħar, inkluż miżuri biex jitnaqqas l-impatt ta' Rkaptu tas-Sajd Abbandunat, Mitluf jew Skartat Mod Ieħor fl-oċean u biex jiġu ffaċilitati l-identifikazzjoni u l-irkupru ta' tali rkaptu abbażi tal-Linji Gwida Volontarji tal-FAO dwar il-Markar tal-Irkaptu tas-Sajd;

- (h) miżuri mmirati lejn il-projbizzjoni tas-sajd imwettaq biss bl-iskop tas-sajd għall-pinen tal-klieb il-baħar u li jirrikjedu li l-klieb il-baħar kollha jitħattew l-art bil-pinen kollha mwaħħla kif tipprovdi n-natura;
- (i) rakkomandazzjonijiet, fejn xieraq u sa fejn hu permess skont id-dokumenti kostitwenti rilevanti, li jħeġġu l-implimentazzjoni tal-Konvenzjoni dwar ix-Xogħol fis-Sajd tal-Organizzazzjoni Internazzjonali tax-Xogħol ;
- (j) approċċi komuni ma' RFMOs oħrajn, fejn xieraq, partikularment dawk involuti fil-ġestjoni tas-sajd fl-istess reġjun;
- (k) approċċi relatati mal-indirizzar tal-impatti ta' attivitajiet mhux tas-sajd fuq ir-riżorsi bijoloġiċi marini fiż-Żona tal-Konvenzjoni tal-Baħar ta' Bering;
- (l) miżuri tekniċi addizzjonali abbażi tal-parir mill-korpi sussidjarji u mill-gruppi ta' ħidma tal-Konferenza annwali tal-Partijiet.
- (m) miżuri konsistenti mal-oġġettivi li jinkisbu benefiċċji ekonomiċi, soċjali u tal-impjiegi, u li jikkontribwixxu għad-disponibbiltà tal-provvisti tal-ikel.

## ANNEX II

L-ispeċifikazzjoni minn sena għal sena tal-pożizzjoni tal-Unjoni  
li għandha tittieħed fil-Konferenza annwali tal-Partijiet

Qabel kull laqgħa tal-Konferenza annwali tal-Partijiet, meta dak il-korp jintalab jadotta deċiżjonijiet li għandhom effetti ġuridiċi fuq l-Unjoni, għandhom jittieħdu l-passi meħtieġa biex il-pożizzjoni li għandha tiġi espressa f'isem l-Unjoni tqis l-aħħar informazzjoni xjentifika u informazzjoni rilevanti oħra trażmessa lill-Kummissjoni Ewropea, f'konformità mal-prinċipji u l-orjentazzjonijiet stabbiliti fl-Anness I.

Konsegwentement u abbażi ta' dik l-informazzjoni, il-Kummissjoni għandha tittrasmetti lill-Kunsill, jew lill-korpi preparatorji tiegħu fi żmien suffiċjenti qabel kull laqgħa tal-Konferenza annwali tal-Partijiet, dokument bil-miktub li jstabbilixxi d-dettalji tal-ispeċifikazzjoni proposta tal-pożizzjoni tal-Unjoni għal diskussjoni u approvazzjoni tad-dettalji tal-pożizzjoni li għandha tiġi espressa f'isem l-Unjoni.

Jekk matul laqgħa tal-Konferenza annwali tal-Partijiet, inkluż dik fuq il-post, ma jkunx jista' jintlaħaq qbil, sabiex il-pożizzjoni tal-Unjoni tqis elementi ġodda, il-kwistjoni għandha tkun referita lill-Kunsill jew lill-korpi preparatorji tiegħu.